MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2004

Ċitazzjoni Numru. 1328/2002

**Cit Nru: 1328/02 JA.**

**Anthony Micallef.**

**-vs-**

**Clint Whitelaw.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fil-2 ta' Novembru, 2002 li permezz tieghu l-attur ippremetta:

Illi l-konvenut Clint Whitelaw abusivament, illegalment u minghajr ebda titolu validu fil-ligi fetah twieqi jew aperturi fil-

fond tieghu li qieghed f' numru sitta (6) Triq il-Barbagan, San Gwann u liema twieqi jew aperturi jaghtu direttament ghal fuq il-fond tal-attur u cioe' ir-razzett bin-numru hdax (11) Triq il-Gallina, San Gwann.

Illi l-atur qatt ma ta l-kunsens tieghu, la bil-fomm u l-anqas bil-miktub lill-konvenut sabiex jiftah l-imsemmija twieqi jew aperturi;

Ghalhekk jitlob lill-din l-Onorabbli Qorti ghaliex m' ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-konvenut fetah l-imsemmija twieqi jew aperturi abusivament u illegalment.

2. Tikkundanna lill-konvenut, sabiex fi zmien qasir u peentorju lilu pefiss minn din il-Qorti, jaghlaq it-twieqi jew aperturi fuq indikati u jaghmel dawx ix-xogholijiet kollha necessarji sabiex igib kollox fl-istat pristinu tieghu;

3. Fin-nuqqas jigi awtorizzat l-attur li jaghmel huwa dawn l-istess xogholijiet a spejjez tal-konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tat-taxxa tal-VAT fuq id-drittijiet professjonali, u bl-imghax legali kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt personalment ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat li l-konvenut debitament notifikat ma' pprezentax nota ta' l-eccezzjonijiet u ghalhekk baqa' kontumaci skond il-ligi.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Frar, 2004 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi x-xhieda tal-attur mhijiex kontradetta u ghalhekk hi sufficjentement pruvata.

**Ghaldaqstant il-Qorti fil-kontumacja tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici u**

**1. Tiddikkjara li l-konvenut fetah l-imsemmija twieqi jew aperturi abusivament u illegalment.**

**2. Tikkundanna lill-istess konvenut, sabiex fi zmien xahar millum jaghlaq it-twieqi jew aperturi fuq indikati u jaghmel dawx ix-xogholijiet kollha necessarji sabiex igib kollox fl-istat pristinu tieghu.**

**3. Tawtorizza lill-attur biex fin-nuqqas jaghmel dawk ix-xogholijiet mehtiega a spejjez tal-konvenut that is-supervizzjoni tal-AIC Rene' Buttigieg.**

**L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------